Nru. 306

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

IL-MINISTERU għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi skont Artikolu 8(1) tal-Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439) għaddej proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar Regolamenti tal-2015 dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' l-Annimali (ara paġni 8681 sa 8695).

Kull min jixtieq jagħmel il-kummenti tiegħu jista' jibgħat *email* fuq (exoticanimals.msdec@gov.mt).

L-14 ta' April, 2015

No. 306

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

THE Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change notifies that in terms of Article 8 (1) of the Animal Welfare Act, (Cap. 439) a public consultation on the Owning and Keeping of Animals Regulations, 2015 is underway (see pages 8696 to 8710).

Anyone who wishes to make representations about these Rules should send an email on (exoticanimals.msdec@gov.mt).

14th April, 2015

A.L. tal-2015

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI

(KAP. 439)

Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' l-Annimali, 2015

B'permezz tas-setgħat mogħtija mill-Artikolu 8(1) tal-Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, għamel ir-Regolamenti segwenti:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' l-Annimali, 2015.

(2) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-proċeduri għar-reġistrazzjoni bħala persuna li żżomm u ż-żamma xierqa tal-annimali f'Malta.

(3) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal:

a) L-akkomodazzjoni jew iż-żamma ta' annimali, fi ħwienet fejn jinbiegħu l-annimali (esklużi l-annimali perikoluż); u

b) L-akkomodazzjoni u ż-żamma ta' annimali għall-ikel li huma reġistrati jew liċenzjati mad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja skont l-Ordinanza dwar il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni.

Definizzjoni u Tifsir.

2. (1) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, is-segwenti definizzjonijiet għandhom japplikaw:

a) "annimal" tfisser kull ħlejqa tar-razza tal-annimali, barra l-bnedminbl-eċċezzjoni ta' ekwini domestiċi u dawk l-annimali definiti bħala "annimal domestiku" fir-Regolament (UE) Nru. 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' Ġunju 12, 2013 ħlief għal dawk l-annimali meqjusin mid-Direttur bħala perikolużi;

b) "annimal perikoluż" tfisser kull speċi ta' annimal meqjus mid-Direttur bħala perikoluż sew jekk minħabba li jista' jikkawża korriment jew ħsara lill-bnedmin sew jekk xort'oħra;

ċ) "annimal velenuż" tfisser annimal jew hlejqa ohra li jippossjedi l-ħila li jipproduċi velenu;

Kap. 439.

d) "Att" tirreferi għall-Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali;

e) "Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji" tinkludi, sal-limitu tal-funzjonijiet mogħtija, kull persuna jew awtorità awtorizzata mid-Direttur sabiex taġixxi f'dak in-nom għal għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

f) "Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Servizzi Veterinarji u tinkludi, sal-limitu tal-funzjonijiet mogħtija, kull persuna jew awtorità awtorizzata minnu,

sabiex taġixxi għan-nom tiegħu għal kwalunkwe għan ta' dawn ir-regolamenti;

g) " ekwini domestiċi" tfisser l-ekwini kollha bl-eċċezzjoni ta' *zebras*;

h) "magħlaq" tfisser kull spazju magħluq fejn għandu jinżamm animal skont dawn ir-regolamenti;

i) "Malta" tfisser il-gżira ta' Malta u l-gżejjer kostituttivi kollha tagħha;

j) "persuna li żżomm" tfisser persuna jew entità awtorizzata mid-Direttur sabiex iżżomm annimal skont regolament 3;

k) "reġistru" tfisser ir-Reġistru Nazzjonali tal-Annimali li għandu jinżammu mid-Direttur;

l) "sit" tfisser żona jew post fejn annimal jiġi ospitat jew miżmum skont dawn ir-regolamenti;

m) "stabiliment żooloġiku" għandha jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Annimali Selvaġġi fi Stabilimenti Żooloġiċi; A.L. 265 tal-2003.

n) "velenu" tfisser sekrezzjoni prodotta minn annimal li jekk tiġi introdotta f'ġisem ieħor, sew jekk permezz ta' kuntatt, inalazzjoni, inġestjoni sew jekk xort'oħra, tbiddel il-karatteristiċi fiżjoloġiċi normali ta' dak il-ġisem.

(2) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti li mhumiex definiti hawnhekk għandhom jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-artikolu 2 tal-Att.

3. (1) Annimal m'għandux jinġieb ġo sit qabel ma l-approvazzjoni bil-miktub meħtieġa tingħata mid-Direttur skond dan ir-regolament. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala persuna li żżomm.

(2) Kull persuna li bi ħsiebha żżomm annimal għandha tapplika lid-Direttur għar-reġistrazzjoni, permezz tal-formola stabbilita fi Skeda A.

(3) Kull persuna li fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti hija diġà fil-pussess ta' animal, għandha tapplika lid-Direttur permezz tas-sottomissjoni tal-formola fi Skeda A fi żmien disgħin ġurnata mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(4) L-applikanti għandhom jissottomettu lid-Direttur id-dettalji kollha meħtieġa mill-formola preskritta fl-Iskeda A li jinkludu:

a) mezzi ta' identifikazzjoni mhux riversibbli tal-annimal propost għaż-żamma;
b) evidenza ta' l-adegwatezza tas-sit u l-magħlaq propost għaż-żamma tal-annimal;
c) il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-applikant biex jiżgura s-sigurtà u l-benesseri tal-annimal u tal-pubbliku ġenerali;
d) kwalunkwe evidenza oħra jew dokument ieħor kif id-Direttur jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ.

(5) Il-mezzi ta' identifikazzjoni mhux riversibbli għandhom ikunu fil-forma ta' tatwaġġ, apparat intra-kapsulari li jikkonforma mal-iso *standard* 11784 jew l-Anness A iso-*standard* 11785 jew profil tad-DNA skont liema metodu huwa l-aħjar adattat għall-annimal.

(6) Mas-sottomissjoni tal-formola ta' applikazzjoni preskritta fl-Iskeda A, l-applikant għandu jħallas miżata ta' XXXX għal kull annimal li ser jiġi reġistrat. Il-miżata għandha:

a) tkun imposta kull sena; u
b) tiġi riveduta mid-Direttur minn żmien għal żmien.

(7) Id-Direttur għandu fi żmien 8 ġimgħat mill-applikazzjoni jiddeċiedi jekk l-applikant jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawn ir-regolamenti.[1]

[1] Iżda dan is-sub-regolament għandu jidħol fis-seħħ fi żmien tlett xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti.

(8) Id-Direttur jista' jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni għal kwalunkwe raġuni li jidhirlu valida fl-interess tas-sikurezza u l-benesseri tal-annimal stess kif ukoll tas-sigurtà tal-pubbliku ġenerali.

(9) L-ebda persuna ma għandha deliberatament tirrilaxxa jew tipprova tirrilaxxa fl-ambjent annimal li jaqa' taħt l-ambitu ta' dawn ir-regolamenti jew inkella teħles jew tiddisponi minn kwalunkwe annimal bħal dan li jkun fil-pussess tagħha.

(10) Id-Direttur jista' jilqa' applikazzjoni għaż-żamma ta' annimal biss meta huwa sodisfatt li l-applikant huwa infurmat biżżejjed dwar il-kura bażika, maniġġar, rekwiżiti għat-trattament xieraq u s-sigurtà relatati mal-annimal partikolari u huwa kapaċi li jissodisfa r-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe liġijiet jew regolamenti oħra applikabbli kif ukoll kwalunkwe kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuqu.

(11) Wara li jilqa' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala persuna li żżomm annimal id-Direttur jista' jimponi kwalunkwe kundizzjonijiet li jidhirlu xierqa fuq il-persuna awtorizzata biex iżżomm fir-rigward tal-annimal u kwalunkwe kwistjonijiet oħra rilevanti.

(12) Meta annimal toħroġ tqila jew jipproduċi l-bajd, id-detentur tagħha għandu jinnotifika lid-Direttur immedjatament b'tali avveniment permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub mibgħuta bil-posta reġistrata jew *e-mail* bl-irċevuta tal-kunsinna.

(13) Kull ferħ ta' kull annimal miżmum minn persuna li tista' żżomm skont dawn ir-regolamenti għandu jiġi notifikat lid-Direttur fi żmien ġimgħa mit-twelid permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub mibgħuta bil-posta reġistrata jew *e-mail* bl-irċevuta tal-kunsinna.

(14) Il-Frieħ għandhom jigu rreġistrati mad-Direttur fi żmien tlitt ġimghat mit-twelid tagħhom skont dawn ir-regolamenti.

4. (1) Annimal miżmum skont dawn ir-regolamenti għandu jinżammu f'magħlaq adegwat u sigur li jirrispetta r-rekwiżiti tal-annimal inklużi f'termini ta' saħħa, indafa u mikro-klima meħtieġa għall-benesseri tal-annimali.

Adegwatezza ta' magħlaq.

(2) Il-magħlaq propost għandu jiġi spezzjonat u approvat mid-Direttur li għandu, b'mod partikolari, jaċċerta l-adegwatezza tiegħu fir-rigward ta' daqs, kumdità u sigurtà b'referenza għall-ispeċi tal-annimal intiż li jinżamm ġo fih.

(3) Il-magħlaq intiż biex jospita l-annimal għandu jkun mibni b'materjal b'saħħtu u li jiflaħ ghall-istrapazz b'tali mod li jillimita l-possibbiltà ta' ħsara lill-annimal jew mill-annimal kif ukoll il-possibbilità li jaħarbu.

(4) L-għeluq jistghu, skont l-annimal intiż li jiġi ospitat ġo fih, ikunu meħtieġa mid-Direttur:

a) li jkollhom antikamra b' bieb separat magħmul b'materjal li huwa b'saħħtu u li jiflaħ biżżejjed biex iżomm l-annimal partikolari u jiflaħ il-qawwa tiegħu. Kull bieb għandu jissakkar faċilment sabiex il-kustodju tal-annimal isakkar u jiftaħ b'faċilità, kif meħtieġ, mingħajr ma jippermetti l-annimal li jiftaħ l-istess, anki aċċidentalment. Għandu jitqiegħed mekkaniżmu li bih il-bieb jingħalaq awtomatikament warajh;
b) li jinkludu sistema ta' trażżin tal-annimal għall-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jaċċessaw l-għeluq għat-tmigħ, tindif, l-amministrazzjoni ta' medikazzjoni jew xort'oħra.

(5) Id-Direttur jista' jeħtieġ li l-għeluq jiġu mmonitorjati permezz ta' sistemi tat-televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa bir-*recordings* tat-tlett xhur ta' qabel li jibqgħu disponibbli għall-produzzjoni fuq talba mid-Direttur b'mod konsistenti mar-rekwiżit biex jaċċerta l-kundizzjonijiet ta' saħħa u l-imġiba tal-annimal.

(6) L- għeluq għandhom ikollhom dawl artifiċjali biżżejjed biex l-annimal jista' jinsab mingħajr diffikultà, inkluż bil-lejl, mingħajr ma jiġi affettwat ir-ritmu ċirkadjani, l-ibernazzjoni jew il-benesseri ġenerali tal-annimal.

(7) Annimal miżmum skond dawn ir-regolamenti m'għandux jitlaq mill-magħlaq li qed jospitah ħlief f'dawk il-każijiet li jitqiesu neċessarji u bl-approvazzjoni minn qabel bil-miktub tad-Direttur.

5. Persuna li żżomm animal skont dawn ir-regolamenti għandha tkun unikament u pienament responsabbli għall-annimal u għal kull ħaġa relatata mas-saħħa u s-sigurtà tal-annimal u l-pubbliku ġenerali.

Responsabbiltà għall-annimal.

6. (1) Id-Direttur jista' jqis kwalunkwe annimal bħala annimal perikoluż.

Annimali perikoluż.

(2) Annimal perikoluż għandu jinżammu biss ġo stabiliment żooloġiku.

(3) Annimal perikoluż għandu jiġi identifikat bħala tali f'avviż ippubblikat mid-Direttur fil-Gazzetta tal-Gvern.

7. (1) Persuna awtorizzata li żżomm annimal skont dawn ir-regolamenti tista' tkun meħtieġa li żżomm sustanzi partikolari, strumenti jew kemm sustanzi u strumenti meqjusin neċessarji biex jiġi żgurat is-sigurtà tal-annimal u tal-pubbliku ġenerali.

Żamma ta' sustanzi u strumenti.

(2) Persuna li żżomm annimal velenuż għandha tkun meħtieġa li jkollha l-antidotu għall-velenu partikolari prodott mill-annimali fil-kwantitajiet li jistgħu jkunu neċessarji biex ireġġgħu lura l-effetti tal-velenu.

(3) Persuna li żżomm kwalunkwe annimal skont dawn ir-regolamenti, sew jekk velenużi sew jekk xort'oħra, tista', meta hu neċessarju, tkun meħtieġa li żżomm *tranquilizer gun* u / jew kwalunkwe arma oħra xierqa, tenut kont l-annimal partikolari, fuq is-sit fejn jinżamm l-annimal. Tali arma għandha tintuża biss fil-każ ta' neċessità estrema meta l-annimal huwa inkontrollabbli jew qiegħed jissoġġetta bniedem għal periklu.

(4) Kwalunkwe sustanza disponibbli għal persuna li żżomm skont dan ir-regolament għandha:

a) tiġi akkwistata bil-permess mid-Direttur permezz tas-sottomissjoni tal-formola preskritta fl-Iskeda B mill-persuna li żżomm; u
b) tiġi fornita bil-permess mid-Direttur kif neċessarju wara notifika mill-ġdid mill-persuna li żżomm.

Iżda d-Direttur jista' jirrifjuta l-awtorizzazzjoni għaż-żamma ta' kwalunkwe sustanzi minn kwalunkwe persuna li żżomm u għandu jżomm *record* fir-reġistru stabbilit b'regolament 8 tat-tip u l-kwantità tas-sustanza miżmuma u wżata minn persuni li jżommu u ta' kull raġuni ta' rifjut ta' awtorizzazzjoni għaż-żamma ta' kwalunkwe sustanza minn kwalunkwe persuna partikolari li żżomm.

(5) Persuni li jżommu għandhom jinfurmaw immedjatament lid-Direttur:

a) b'kull użu magħmul minn kwalunkwe sustanza miżmuma minnhom;
b) bil-kwantità li fiha l-istess sustanza hija użata; u
c) bil-ħin, post u raġuni għaliex is-sustanza intużat.

Iżda d-Direttur għandu jkollu d-dritt ta' aċċess għar-*records* miżmuma mill-persuna li żżomm skond ir-regolament 9.

Iżda d-Direttur m'għandux jawtorizza r-riforniment ta' kwalunkwe ammonti wżati ta' kwalunkwe sustanza sakemm ikun sodisfatt bin-neċessità li teħtieġ l-użu tagħhom u l-ħtieġa li tforni l-istess.

(6) Il-persuni li huma meħtieġa li jkollhom *tranquilizer gun* u / jew kwalunkwe arma oħra xierqa skont dawn ir-regolamenti għandhom jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti rilevanti kollha relatati ma' tali strumenti.

Reġistru Nazzjonali tal-Annimali.

8. (1) Kull persuna awtorizzata li żżomm annimal skont dawn ir-regolamenti għandha tkun reġistrata fir-reġistru bħala persuna li żżomm.

(2) Ir-reġistru għandu jindika:

a) l-isem, il-kunjom, in-numru tal-karta tal-identità u l-post tar-residenza tal-persuna li żżomm;
b) l-ispeċi ta' annimal awtorizzati biex jinżammu mill-persuna li żżomm;
c) il-mezzi ta' identifikazzjoni mhux riversibbli tal-annimal kif meħtieġ mill-Iskeda A, ir-regolament 3(4)(a) u r-regolament 3(5);
d) l-indirizz sħiħ tas-sit fejn l-annimal qed jinżamm;

e) in-numru tal-lott u l-kwantità ta' kull sustanza notifikata lid-Direttur għaż-żamma mill-persuna li żżomm skont ir-regolament 7 jew ir-raġunijiet relatati mal-proviso tas-sub-regolament 7(4);
f) dettalji dwar l-użu tas-sustanzi miżmuma mill-persuna li żżomm skont ir-regolament 7 u l-kwantitajiet li fihom tali sustanzi huma wżati;
g) kwalunkwe informazzjoni oħra li d-Direttur jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ.

(3) Id-Direttur jirriserva d-dritt li jikkomunika d-data li tinsab fir-reġistru lil kwalunkwe awtorità jew entità lokali jew internazzjonali oħra kif jista' jkun meħtieġ.

(4) Qabel kull trasferiment ta' kull annimal minn persuna reġistrata li żżomm għal fuq terza persuna jew entità għandhom jiġu komunikati lid-Direttur li għandu japprova t-trasferiment jew xort'oħra skont dawn ir-regolamenti.

(5) Minkejja kwalsiasi ħaġa li tinsab fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, l-ebda pre-avviż m'għandha tingħata lill-persuni li isimhom u dettalji oħra jidhru fir-reġistru għar-rigward ta' l-użu jew il-proċessi li għalihom id-data li tinsab fir-reġistru għandha tkun soġġetta. Kap. 440.

Żamma ta' *records*.

9. Persuna reġistrata li żżomm annimal soġġett għal dawn ir-regolamenti għandha żżomm *records* relatati mal-annimal partikolari fuq is-sit fejn l-annimal ikun jinsab. Dawn ir-*records* għandhom jinkludu:

a) L-oriġini tal-annimal inkluż l-isem, l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna jew entità li minnha l-annimal ġie akkwistat;
b) It-trattament mediku tal-annimal inkluż lista ta' medikazzjoni li presenzjalment qed tiġi amministrata lilu u r-riċetta tal-veterinarju relattiva għall-istess;
c) Kwalunkwe document relattiv għall-importazzjoni jew trasferiment tal-annimal; u
d) Kwalunkwe użu ta' kalmant jew antidotu ta' velenu li għamlet minnu l-persuna żżomm, il-kwantità ta' sustanza wżata, id-data meta din is-sustanza intużat u r-raġunijiet għaliex intużat.

Ritorn ta' annimal li m'għandux l-awtorizzazzjoni meħtieġa.

10. (1) Annimal li huwa miżmum jew preżenti fuq sit mingħajr awtorizzazzjoni tad-Direttur skont dawn ir-regolamenti għandu

jiġi ritornat minnufih fil-post ta' oriġini tiegħu, anki li kieku dan kellu jkun barra l-pajjiż, mill-persuna responsabbli għall-introduzzjoni tiegħu fuq is-sit f'kollaborazzjoni mad-Direttur li għandu jiżgura r-ritorn bla xkiel tal-annimal.

(2) L-ispejjeż kollha relatati ma' dan il-proċess għandhom jitħallsu unikament mill-persuna reponsabbli għall-introduzzjoni tal-annimal fuq is-sit.

L-Awtorità tad-Direttur li jispezzjona.

11. (1) Kull direttur hekk kif speċifikat fl-Att għandu jkollu l-awtorità sabiex jidħol fi kwalunkwe sit li fih annimal qed jiġi miżmum sabiex jispezzjona l-istess.

(2) L-awtorità tad-Direttur li jispezzjona testendi għal kwalunkwe magħlaq, tagħmir, sustanzi u reġistri bil-għan li jiġi aċċertat iż-żamma, is-saħħa u l-benesseri xierqa ta' kwalunkwe annimal kif ukoll l-amministrazzjoni xierqa ta' sustanzi u tagħmir u l-konformità ma' dawn u kwalunkwe regolamenti jew kundizzjonijiet oħra applikabbli imposti fuq il-persuna li żżomm.

(3) Meta d-Direttur ikollu raġuni biex jemmen li huwa jista' jiġi mfixkel fid-dritt tiegħu ta' dħul għall-iskop ta' spezzjoni, huwa għandu jitlob u jikseb l-għajnuna tal-pulizija.

Avviż ta' infurzar.

12. (1) Id-Direttur għandu jinnotifika avviż ta' infurzar lil kull persuna li żżomm meta jkun sodisfatt tal-okkorrenza ta' kwalunkwe materja stabbilita fis-sub-regolament (2):

(2) Avviż ta' infurzar għandu jiġi notifikat lil kwalunkwe persuna li żżomm li:

a) qed iżżomm annimal b'mod mhux xieraq li jkun inkonsistenti ma' dawn ir-regolamenti, is-sigurtà jew il-benesseri tiegħu jew is-sigurtà jew il-benesseri tal-pubbliku ġenerali;

b) qed iżżomm annimal f'magħlaq li jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti imposti minn dawn ir-regolamenti fuq il-persuna li żżomm;

c) tkun użat jew għamlet użu ħażin ta' kwalunkwe sustanza jew arma b'mod li ma jkunx xieraq jew b'mod inkonsistenti ma' dawn ir-regolamenti jew mingħajr raġuni, bla bżonn u intenzjonalment ta' ħsara lill-annimal;

d) tkun altrimenti kisret dawn ir-regolamenti, kull liġijiet jew regolamenti oħra applikabbli jew kwalunkwe kundizzjoni imposta fuqha.

(3) Avviż ta' infurzar għandu jeħtieġ li persuna li żżomm:

a) tikkonforma ma' dawn jew kwalunkwe liġijiet jew regolamenti oħra fi żmien ta' mhux aktar minn sittax il-ġurnata jew f' perjodu ta' żmien hekk stipulat mid-Direttur;
b) tikkonforma ma' kwalunkwe kundizzjoni imposta fuqha mid-Direttur fi żmien ta' mhux aktar minn sittax il-ġurnata jew f' perjodu ta' żmien hekk stipulat mid-Direttur;
c) twettaq dawk ix-xogħlijiet jew tieħu dawk il-passi kif id-Direttur jista' jidhirlu li jkun meħtieġ u xieraq sabiex tirrimedja jew tipprevjeni l-kontinwazzjoni jew ripetizzjoni ta' kwalunkwe ksur li għalih jirrelata l-infurzar fi żmien ta' mhux aktar minn sittax il-ġurnata jew f' perjodu ta' żmien hekk stipulat mid-Direttur, jew;
d) tirrinunzja l-awtorizzazzjoni tagħha bħala persuna li żżomm skont dawn ir-regolamenti u tipproċedi biex tirritorna l-annimal lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu skont regolament 10.

(4) Avviż ta' infurzar għandu:

a) jiddikjara l-perjodu ta' żmien li fih il-persuna li żżomm għandha tikkonforma ma' l-ordni li tinsab fih;
b) jinforma lill-persuna li żżomm tad-dritt ta' appell taħt dawn ir-regolamenti.

Iżda l-perjodu ta' żmien li fih il-persuna li żżomm għandha tikkonforma ma' ordni li tinsab f'avviż ta' infurzar għandu jkun raġonevoli skond iċ-ċirkustanzi.

(5) Id-Direttur jista' f'kwalunkwe ħin:

a) jirtira l-avviż ta' infurzar;
b)jestendi l-perjodu għall-konformità ma' kwalunkwe rekwiżit li jinsab fl-avviż ta' infurzar;
ċ) jimmodifika l-avviż ta' infurzar.

Notifika ta' ħarba jew mewt.

13. (1) Persuni awtorizzati biex iżommu annimali bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinfurmaw lid-Direttur permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub mibgħuta bil-posta reġistrata jew *e-mail* bl-irċevuta tal-kunsinna immedjatament mal-okkorrenza ta' kwalunkwe miċ-ċirkostanzi segwenti:

a) il-ħarba tal-annimal;
b) il-mewt tal-annimal.

(2) Ir-rimi tal-karkassa tal-annimal għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli ta' saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji u prodotti derivati mill-annimali li mhumiex maħsuba għall-konsum uman.

Dritt ta' appell.

14. (1) Deċiżjonijiet tad-Direttur skont dawn ir-regolamenti għandhom ikunu soġġetti għal dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit fl-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

(2) Appell skont dan ir-regolament għandu jiġi intavolat fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tad-Direttur.

Iżda d-deċiżjoni tad-Direttur għandha ssir applikabbli u infurzabbli immedjatament u għandha tibqa' applikabbli matul it-terminu tal-appell sas-sentenza finali mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u għandha tibqa' applikabbli sakemm ma tkunx inqalbet mit-Tribunal jew irtirata mid-Direttur.

Kap. 16.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għar-rigward id-dritt ta' appell għandhom, *mutatis mutandis*, ikunu applikabbli għal dawn ir-regolamenti.

Assigurazzjoni.

15. Persuni reġistrati biex iżommu għandhom jiksbu kopertura ta' assigurazzjoni ma' aġenzija ta' assigurazzjoni ta' fama tajba għal ammont minimu ta' _____ bħala salvagwardja għal kwalunkwe telf jew ħsara potenzjali li l-annimal jista' jikkawża b'mod partikolari lil terzi.

Applikabilità ta' liġijiet oħra.

16. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhom bl-ebda mod jiġu interpretati bħalikieku jillimitaw, jissostitwixxu jew jeskludu l-applikabbiltà ta'

kwalunkwe liġijiet jew regolamenti oħra inklużi dawk relatati mal-kummerċ, il-moviment jew l-importazzjoni ta' annimali u ż-żamma ta' sustanzi jew armi.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti. Kap. 9.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċedimenti għal reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom jittieħdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kif jista' jkun il-każ u għandhom jinżammu skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawn il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati.

17. Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien permezz ta' regolamenti jipprovdi għal kull dispożizzjoni jew rekwiżit addizzjonali fir-rigward taż-żamma ta' annimal u għandu, b'mod partikolari, ikun awtorizzat li jagħmel dispożizzjoni għat-twettiq ta' eżamijiet immirati sabiex jaċċertaw l-għarfien ta' applikant tar-rekwiżiti ta' benesseri u sigurtà ta' annimal partikolari qabel applikant jiġi awtorizzat li jżomm kwalunkwe annimal. Poter tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

18. Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha meta tinsab ħatja tkun ħatja ta' reat u teħel il-pieni stabbiliti fl-Att. Reati u Pieni.

SKEDA A

Applikazzjoni għar-Reġistrazzjoni bħala Persuna li Żżomm
Regolament 3

1. Data tal-applikazzjoni: _____

2. Isem tal-applikant: _____

3. Numru tal-karta tal-identità tal-applikant: _____

4. Indirizz residenzjali tal-applikant: _____

5. Indirizz propost għaż-żamma tal-annimal:

_____

6. Speċi u mezzi ta' identifikazzjoni mhux riversibbli tal-annimal:

_____

7. Pjanijiet u dettalji relattivi għall-magħlaq li fih l-annimal ser jinżamm (*jekk jogħġbok ehmeż folji separati - jekk jogħġbok inkludi evidenza ta' installazzjoni ta' tagħmir CCTV li jkopri l-magħlaq kif ukoll id-dwal disponibbli ġo u madwar il-magħlaq*).

8. Miżuri li għandhom jittieħdu biex jiżguraw is-sigurtà u l-benesseri tal-annimal u tal-pubbliku ġenerali *(jekk jogħġbok ehmeż dikjarazzjoni separata*).

9. Evidenza ta' għarfien tar-rekwiżiti għaż-żamma u t-trobbija tal- annimali (*jekk jogħġbok ehmeż evidenza ta' kwalunkwe taħriġ jew ċertifikazzjoni disponibbli*).

10. Jekk jogħġbok indika jekk fl-opinjoni tiegħek iż-żamma tiegħek tal-annimal se jeħtieġ li inti żżomm xi sustanzi (sedattivi, antidoti tal-velenu eċċ) u kwalunkwe strumenti bħal *tranquilizer gun* u / jew kwalunkwe arma oħra xierqa.

Miżata Pagabbli: EUR XXXX

SKEDA B

Notifika taż-Żamma ta' Sustanzi u / jew Strumenti
Regolament 7

1. Data: _____

2. Isem tan-Notifikatur: _____

3. Karta tal-identità tan-Notifikatur _____

4. Indirizz residenzjali tan-Notifikatur: _____

5. Speċi ta' annimal:

_____

6. Mezzi ta' identifikazzjoni mhux riversibbli tal-annimal:

_____

7. Lista ta' sustanzi:

_____

8. Proposti fornituri ta' sustanzi:

_____

L.N. of 2015

ANIMAL WELFARE ACT
(CAP. 439)

The Owning and Keeping of Animals Regulations, 2015

IN exercise of the powers conferred by article 8 (1) of the Animal Welfare Act, the Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change has made the following regulations:-

Citation, scope and commencement.

1. (1) The title of these regulations is the Owning and Keeping of Animals Regulations, 2015.

(2) These regulations lay down the procedures for the registration as keeper and the proper keeping of animals in Malta.

(3) These regulations shall not apply to:

a) The housing or keeping of animals, in pet shops (excluding dangerous animals), and;
b) The housing and keeping of food-producing animals registered or licensed with the Veterinary Regulation Directorate in terms of the Prevention of Diseases Ordinance and the Veterinary Services Act.

(4) These regulations shall come into force on the date of publication.

2. (1) For the purposes of these regulations and unless the context otherwise requires, the following definitions shall apply:

Definitions and interpretation.

a) "Act" shall refer to the Animal Welfare Act;

Cap. 439.

b) "animal" means all living members of the animal kingdom, other than human beings, with the exception of domestic equines and those animals defined as a 'pet animal' in Regulation (EU) No. 576/2013 of the European Parliament and of the Council of June 12, 2013 other than those animals deemed as dangerous by the Director;

c) "dangerous animal" means any species of animal deemed dangerous by the Director whether because it may cause injury or damage to humans or otherwise;

d) "Director" means the Director responsible for Veterinary Regulation and includes, to the extent of the authority given, any person or authority authorised by him to act on his behalf for any of the purposes of these regulations;

e) "domestic equines" means all equines with the exception of zebras;

f) "enclosure" means any confined space within which an animal is to be kept in terms of these regulations;

g) "keeper" means a person or entity authorised by the Director to keep an animal in terms of regulation 3;

h) "Malta" means the island of Malta and all of its constitutive islands;

i) "register" means the National Animals Register which shall be kept by the Director;

j) "site" means an area or place where an animal is housed or kept according to these regulations;

k) "venom" means a secretion produced by the animal which if introduced into another body, whether by contact, inhalation, ingestion or otherwise, would alter the normal physiological characteristics of that body;

l) "venomous animal" means an animal which possesses the ability to produce venom;

m) "Veterinary Services Department" includes, to the extent of the authority given, any person or authority authorised by the Director to act in that behalf for the purposes of these regulations;

L.N. 265 of 2003.

n) "zoo" shall have the same meaning assigned to it in the Keeping of Wild Animals in Zoos Regulations.

(2) Unless the context otherwise requires, words and phrases used in these regulations which are not defined herein shall have the same meaning assigned to them in article 2 of the Act.

Application for registration as a keeper.

3. (1) An animal shall not be brought into a site before the required written approval is given by the Director in terms of this regulation.

(2) Any person who intends to be a keeper of an animal shall apply to the Director for registration as a keeper through submission of the form established in Schedule A.

(3) Any person who at the time of publication of these regulations is already in possession of an animal shall apply to the Director through submission of the form established in Schedule A within ninety days from the publication of these regulations.

(4) Applicants shall submit to the Director all the details required by the form prescribed in Schedule A including:

a) non-reversible means of identification of the animal proposed for keeping;
b) proof of the appropriateness of the site and enclosure proposed for the keeping of the animal;
c) the measures to be taken by the applicant to secure the safety and well-being of the animal and the general public;
d) any other proof or document as the Director may from time to time require.

(5) The non-reversible means of identification shall be in the form of a tattoo, intra-capsular device that complies with iso-standard 11784 or Annex A iso-standard 11785 or a DNA profile depending on which method is best suited to the animal.

(6) Upon submission of the application form prescribed in Schedule A, the applicant shall pay a fee of XXXX per animal to be registered. The fee shall:

a) be levied annually and;
b) be revised from time to time by the Director.

(7) The Director shall within 8 weeks from the application decide whether the applicant fulfills the requirements set out in these regulations.[1]

(8) The Director may refuse any application for any reason he deems valid in the interest of the animal's own safety and well-being as well as the safety of the general public.

(9) No person shall deliberately release or attempt to release an animal falling within the ambits of these regulations into the environment or otherwise dispose of any such animal in his possession.

(10) The Director may only uphold an application for the keeping of an animal where he is satisfied that the applicant is sufficiently knowledgeable as to the basic care, handling, welfare and safety requirements relative to the particular animal and is able to fulfill the requirements of these regulations and any other applicable laws or regulations as well as any conditions which may be imposed upon him.

(11) Upon upholding an application for registration as a keeper of an animal the Director may impose any conditions he deems fit on the authorized keeper with regards to the animal and any other relevant matters.

[1] Provided that this sub-regulation shall come into force within 3 months from the coming into force of these Regulations.

(12) When an animal becomes pregnant or produces a clutch of eggs its keeper shall notify the Director immediately of such event.

(13) Any offspring of any animal kept by a keeper in terms of these regulations shall be notified to the Director within one week from birth through written communication sent by registered mail or email with receipt of delivery.

(14) The offsprings have to be registered according to these regulations within three weeks of birth

Appropriateness of enclosure.

4. (1) An animal kept in terms of these regulations shall be kept in an adequate and safe enclosure that respects the animal's requirements including in terms of health, cleanliness and micro-climate necessary for such animal's well being.

(2) The proposed enclosure shall be inspected and approved by the Director who shall, in particular, ascertain its appropriateness with regard to size, comfort and safety with reference to the species of the animal intended to be kept within it.

(3) The enclosure intended to house the animal shall be built of sturdy and durable material in a manner that limits the possibility of harm to the animal or by the animal as well as the possibility of escape.

(4) Enclosures may, depending on the animal intended to be housed within them, be required by the Director:

a) to have an ante-room with a separate door made of material which is strong and durable enough to contain the particular animal and withstand its strength. Each door must be easily lockable for the animal's custodian to lock and unlock it with ease, as required, without permitting the animal to unlock the same, even accidentally; A mechanism must be put in place whereby the door will close automatically behind him.

b) to comprise a restraining system for the restraining of the animal for the necessary period of time to access the enclosure for feeding, cleaning, the administration of medication or otherwise.

(5) The Director may require enclosures to be monitored by closed circuit television systems (CCTV) for twenty four hours a day, seven days a week with recordings for the previous three months remaining available for production upon request by the Director in a manner consistent with the requirement to ascertain the health conditions and behavior of the animal.

(6) Enclosures shall have sufficient artificial lighting to locate the animal without difficulty, including at night, without affecting the animal's circadian rhythm, hibernation or general well-being.

(7) An animal kept in terms of these regulations shall not leave the enclosure housing it except in such cases deemed necessary and with the prior written approval of the Director.

Responsibility for the animal.

5. A keeper of an animal in terms of these regulations shall be solely and fully responsible for the animal and for any matter relating to the health and safety of the animal and the general public.

Dangerous animals.

6. (1) The Director may deem any animal to be a dangerous animal.

(2) A dangerous animal shall only be kept in a zoo.

(3) A dangerous animal shall be identified as such in a notice published by the Director in the Government Gazette.

Keeping of substances and instruments.

7. (1) A keeper authorised to keep an animal in terms of these regulations may be required to keep particular substances, instruments or both substances and instruments deemed necessary to ensure the safety of the animal and of the general public.

(2) A keeper of a venomous animal shall be required to have the antidote for the particular venom produced by the animal in the quantities that would be necessary to reverse the venom's effects.

(3) A keeper of any animal in terms of these regulations, whether venomous or otherwise, may, when necessary, be required to keep a tranquilizer gun and / or any other appropriate weapon, regard being had to the particular animal, on the site where the animal is kept. Such an arm shall only be used in case of extreme necessity when the animal is out of control or is subjecting a human to danger.

(4) Any substance available to a keeper in terms of this regulation shall:

a) be procured by leave from the Director through submission by the keeper of the form prescribed in Schedule B and;
b) be replenished by leave from the Director as necessary following a renewed notification by the keeper.

Provided that the Director may refuse authorisation for the keeping of any substances by any keeper and shall keep a record in the register established by regulation 8 of the type and quantity of the substance kept and used by keepers and of any reason for refusing to authorize the keeping of any substance by any particular keeper.

(5) Keepers shall immediately inform the Director of;

a) any use made of any substance held by them;
b) the quantity in which the same substance is used, and;
c) the time, place and reason why the substance was used.

Provided that the Director shall have the right to access records kept by the keeper in terms of regulation 9.

Provided that the Director shall not authorize the replenishment of any used amounts of any substance unless satisfied of the necessity that required the use thereof and the necessity to replenish the same.

(6) Keepers required to keep a tranquilizer gun and / or any other appropriate weapon in terms of these regulations shall comply to all relevant laws and regulations relating to such instruments.

National Animal Register.

8. (1) Any person authorised to keep an animal in terms of these regulations shall be registered as a keeper in the register.

(2) The register shall indicate:

a) the name, surname, identity card number and place of residence of the keeper;
b) the species of animal authorised to be kept by the keeper;
c) the non-reversible means of identification of the animal as required by Schedule A, regulation 3(4)(a) and regulation 3(5);
d) the full address of the site where at the animal is kept;
e) the batch number and quantity of any substance notified to the Director for keeping by the keeper in terms of regulation 7 or the reasons related to the proviso to sub-regulation 7 (4);
f) details on the use of substances kept by the keeper in terms of regulation 7 and the quantities in which such substances are used;
g) any other information as the Director may from time to time require.

(3) The Director reserves the right to communicate data contained in the register to any other local or international authority or entity as may be required.

(4) Prior to any transfers of any animal from the registered keeper onto a third person or entity shall be be communicated to the Director who shall approve the transfer or otherwise in terms of these regulations.

Cap. 440.

(5) Notwithstanding anything contained in the Data Protection Act, no prior warning shall be given to the persons whose name and

other details appear in the register regarding the use or processes to which the data contained in the register shall be subjected.

Record keeping.

9. A registered keeper of an animal subject to these regulations shall keep records relating to the particular animal on the site wherein the animal is located. Such records shall include:

a) The origin of the animal including the name, address and contact details of the person or entity from which the animal was acquired;
b) The animal's medical history including a list of medication currently administered to it and the veterinary's prescription relative to the same;
c) Any document related to the animal's importation or transfer; and
d) Any use of tranquilizer or venom antidote that is made by the keeper, the quantity of substance used, the date when such substance was used and the reasons why.

Return of an animal lacking necessary authorisation.

10. (1) An animal which is kept or present on a site without the Director's authorisation in terms of these regulations shall be immediately returned to its place of origin, even if it had to be outside the country, by the person responsible for its introduction onto the site in collaboration with the Director who shall ensure the smooth return of the animal.

(2) All expenses relating to this process shall be solely borne by the person responsible for the animal's introduction onto the site.

Director's authority to inspect.

11. (1) Any Director specified in the Act shall have the authority to enter any site within which an animal is kept in order to inspect the same.

(2) The Director's authority to inspect extends to any enclosure, equipment, substances and registers with a view of ascertaining the proper keeping, health and welfare of any animal as well as the proper administration of substances and equipment and compliance with these and any other applicable regulations or conditions imposed on the keeper.

(3) Where the Director has reason to believe that he may be hindered in his right of entry for the purpose of inspection, he shall request and obtain the assistance of the police.

Enforcement notice.

12. (1) The Director shall serve an enforcement notice on any keeper when satisfied of the occurrence of any matter established in sub-regulation (2):

(2) An enforcement notice shall be served on any keeper who:

a) is keeping an animal in an inappropriate manner which is inconsistent with these regulations, its safety or welfare or the safety or welfare of the general public;
b) is keeping an animal in an enclosure which fails to fulfill the requirements imposed on the keeper by these regulations;
c) has used or misused any substance or arm in a manner which is inappropriate or inconsistent with these regulations or unreasonably, unnecessarily and intentionally harmful to the animal;
d) has otherwise breached these regulations, any other applicable laws or regulations or any condition imposed upon him.

(3) An enforcement notice shall require the keeper to:

a) conform to these or any other laws or regulations within sixteen days or a period which the Director may decide;
b) conform with any condition imposed upon him by the Director within sixteen days or a period which the Director may decide;
c) carry out such works or take such steps as the Director may deem necessary and appropriate to remedy or prevent the continuation or repetition of any breach to which the enforcement relates within sixteen days or a period which the Director may decide, or;
d) relinquish his authorisation as a keeper in terms of these regulations and proceed to return the animal to its country of origin in terms of regulation 10.

(4) An enforcement notice shall:

a) state the period of time within which the keeper is to comply with the order contained therein;
b) inform the keeper of the right of appeal under these regulations.

Provided that the period of time within which the keeper is to comply with an order contained in an enforcement notice shall be reasonable depending on the circumstances.

(5) The Director may at any time:

a) withdraw the enforcement notice;
b) extend the period for compliance with any requirement contained in the enforcement notice;
c) modify the enforcement notice.

Notification of escape or death.

13. (1) Keepers authorised to keep animals by virtue of these regulations shall inform the Director through written communciation sent by registered mail or email with receipt of delivery immediately upon the occurrence of any of the following circumstances:

a) the escape of the animal;
b) the demise of the animal.

(2) Disposal of the animal's carcass shall be carried out in line with Regulation (EC) No 1069/2009 of the European Parliament and of the Council of 21 October 2009 laying down health rules as regards animal by-products and derived products not intended for human consumption

Right of appeal.

14. (1) Decisions of the Director in terms of these regulations shall be subject to a right of appeal to the Administrative Review Tribunal established by article 5 (1) of the Administrative Justice Act.

(2) An appeal in terms of this regulation shall be filed within twenty days from the notification of the Director's decision.

Provided that the Director's decision shall become immediately applicable and enforceable and shall remain applicable throughout the term of appeal until final judgment by the Administrative Review Tribunal and shall remain applicable unless it is overturned by the Tribunal or withdrawn by the Director.

(3) The provisions of the Code of Organisation and Civil Procedure regarding the right to appeal shall, *mutatis mutandis,* be applicable to these regulations. Cap. 16.

15. Registered keepers shall obtain insurance coverage with a reputable insurance agency to a minimum amount of _____ as a safeguard for any potential loss or damage that the animal may cause in particular to third parties. Insurance.

16. (1) The provisions of these regulations shall in no way be interpreted as to limit, substitute or exclude the applicability of any other laws or regulations including those relating to trade, movement or importation of animals and the holding of substances or arms. Applicability of other laws.

(2) The provisions of article 23 and 30 (1) of the Criminal Code shall, *mutatis mutandis,* apply to proceedings in respect of offences against these regulations. Cap. 9.

(3) Notwithstanding the provisions of article 370 of the Criminal Code, proceedings for an offence against these regulations shall be taken before the Court of Magistrates (Malta) or they Courts of Magistrates (Gozo) as the case may be and shall be held in accordance with the provisions of the Criminal Code regulating procedure before the said courts as courts of criminal judicature.

(4) Notwithstanding the provisions of the Criminal Code, the Attorney General shall always have a right of appeal to the Court of Criminal Appeal from any judment given by the Court of Magistrates.

Power of Minister to make regulations.

17. The Minister may, from time to time by regulation provide for any additional provision or requirement with regards to the keeping of an animal and shall, in particular, be authorized to make provision for the holding of examinations aimed at ascertaining an applicant's knowledge of a particular animal's welfare and safety requirements prior to authorising an applicant to keep any animal.

Offences and penalties.

18. Any person who contravens or acts in violation of these regulations shall on conviction be guilty of an offence and shall be liable to the penalties established in the Act.

SCHEDULE A

Application for Registration as Keeper
Regulation 3

1. Date of application: _____

2. Applicant's name: _____

3. Applicant's identity card number: _____

4. Applicant's residential address: _____

5. Address proposed for keeping of the animal:

_____

6. Species and non-reversable means of identification of the animal:

_____

7. Plans and details relative to the enclosure within which the animal is to be kept (*please attach separate sheets - please include evidence of installation of CCTV equipment covering the enclosure as well as lighting available within and around the enclosure*).

8. Measures to be taken to secure the safety and well-being of the animal and the general public (*please attach separate statement)*.

9. Proof of knowledge of the requirements for the keeping and rearing of the animal *(please attach proof of any training or certification available)*.

10. Please indicate whether in your opinion your keeping of the animal will require you to keep any substances (sedatives, venom antidotes etc) and any instruments such as a tranquilizer gun and / or any other appropriate weapon.

Payable Fee: **EUR XXXX**

SCHEDULE B

Notification of the Keeping of Substances and/or Instruments
Regulation 7

1. Date: _____

2. Notifier's name: _____

3. Notifier 's identity card number: _____

4. Notifier 's residential address: _____

5. Species of animal:

_____

6. Non-reversable means of identification of the animal:

_____

7. List of substances:

_____

8. Proposed substance suppliers:

_____